Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 2011

dwar l-ekwivalenza tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' ċerti pajjiżi terzi kif ukoll dwar perjodu tranżizzjonali għall-attivitajiet tal-awditjar ta' awdituri u entitajiet tal-awditjar minn ċerti pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 117)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/30/UE)

(ĠU L 15, 20.1.2011, p. 12)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M2**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/288/UE tat-13 ta' Ġunju 2013	L 163	26	15.6.2013

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 2011

dwar l-ekwivalenza tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' ċerti pajjiżi terzi kif ukoll dwar perjodu tranżizzjonali għall-attivitajiet tal-awditjar ta' awdituri u entitajiet tal-awditjar minn ċerti pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 117)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/30/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki [l-awditi] statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2006/43/KE l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma meħtieġa jirreġistraw lill-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar kollha li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' ċerti kumpaniji kostitwiti barra l-Komunità li t-titoli trasferibbli tagħhom jkunu ammessi għan-negozju f'suq regolat fil-Komunità. L-Artikolu 45(3) tad-Direttiva 2006/43/KE jeħtieġ lill-Istati Membri jissottomettu lil dawn l-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar għas-sistemi tagħhom ta' sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u ta' investigazzjonijiet u penalitajiet.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/627/KE tad-29 ta' Lulju 2008 li tikkonċerna perjodu ta' tranżizzjoni għal attivitajiet ta' verifika [awditjar] minn ċerti awdituri u entitajiet ta' verifika [awditjar] ta' pajjiżi terzi ([2]) ppermettiet lill-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni biex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea b'rabta ma' rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati għas-snin finanzjarji li jibdew matul il-perjodu bejn id-29 Ġunju 2008 u l-1 ta' Lulju 2010.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.
([2]) ĠU L 202, 31.7.2008, p. 70.

▼B

(3) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjonijiet tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entiatjiet tal-awditjar tal-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2008/627/KE. Il-valutazzjonijiet twettqu bl-għajnuna tal-Grupp Ewropew tal-Korpi tas-Sorveljanza tal-Awdituri. Il-prinċipji li jirregolaw is-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji ġew ivvalutati fid-dawl tal-kriterji stipulati fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE li tirregola s-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri. L-għan aħħari tal-kooperazzjoni bejn is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Membri u pajjiżi terzi għandu jkun li tinkiseb fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' xulxin tas-sorveljanza abbażi tal-ekwivalenza tas-sistemi.

(4) Wara dawn il-valutazzjonijiet, jidher li l-Awstralja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Kroazja, il-Ġappun, Singapore, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel u l-Isvizzera għandhom sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u sistemi ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awdituri li jaħdmu skont regoli simili għal dawk stabbilti fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE. Għalhekk, huwa xieraq li s-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' dawn il-pajjiżi terzi jitqiesu bħala ekwivalenti għas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri.

(5) Fir-rigward tal-Afrika t'Isfel, il-leġiżlazzjoni tagħha tirrikjedi kunsens minn qabel tal-awditur jew tal-entità tal-awditjar għat-trasferiment ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Afrika t'Isfel lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Dak ir-rekwiżit għal kunsens minn qabel jista' jippreżenta diffikultajiet għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE. Għalhekk, sakemm isiru t-tibdiliet meħtieġa fil-leġiżlazzjoni tal-Afrika t'Isfel, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrikjedu li awdituri u entitajiet tal-awditjar jirrinunzjaw id-dritt tagħhom għal kunsens minn qabel meta jirreġistraw awdituri u entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar ta' kumpaniji kostitwiti fl-Afrika t'Isfel.

(6) L-Istati Uniti tal-Amerika għandha sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, u sistema tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jaħdmu skont regoli simili għal dawk stabiliti fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika ma jqisux li l-objettiv aħħari tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri huwa li tinkiseb fiduċja reċiproka mal-awtoritajiet kompetenti mis-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u s-sistemi tal-investigazzjoni u

▼B

l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Membri. Sakemm ma jkunx hemm fiduċja reċiproka, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46(1) ma jistgħux jiġu applikati bis-sħiħ fuq bażi permanenti mill-Istati Membri fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fl-Istati Uniti tal-Amerika. Għalhekk, is-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jiġu eżaminati għall-iskop li jiġi vvalutat il-progress li jkunu sar biex tintlaħaq il-fiduċja reċiproka. Għal dawk ir-raġunijiet, din id-Deċiżjoni għandha tkun limitata fiż-żmien u ma għandhix tibqa' tapplika wara l-31 ta' Lulju 2013 fir-rigward tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(7) Meta l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni li tirrikonoxxi li s-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' pajjiż jew territorju terz ikunu ekwivalenti għall-fini tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, l-Istati Membri jistgħu, abbażi tar-reċiproċità, ma japplikawx jew jimmodifikaw r-rekwiżiti tal-Artikolu 45(1) u (3) fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' dak il-pajjiż jew territorju terz. Il-kundizzjonijiet skont liema r-rekwiżiti tal-Artikolu 45(1) u (3) ma jiġux applikati jew jiġu mmodifikati jridu jkunu stipulati f'arranġament ta' kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2006/43/KE bejn l-Istat Membru u l-pajjiż jew it-territorju terz u kkomunikati lill-Kummissjoni.

(8) Abu Dhabi, il-Brażil, id-Dubai International Financial Centre, Guernsey, Ħong Kong, l-Indja, l-Indoneżja, l-Isle of Man, Jersey, il-Malasja, il-Mawrizju, ir-Russja, it-Tajwan, it-Tajlandja u t-Turkija stabbilixxew jew jinsabu fil-proċess li jistabilixxu sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, u sistemi ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar. Madankollu, l-informazzjoni dwar il-funzjonament u r-regoli li jirregolaw dawn is-sistemi mhix biżżejjed. Sabiex titwettaq aktar valutazzjoni għall-iskop li tittieħed deċiżjoni finali dwar l-ekwivalenza fir-rigward ta' dawn is-sistemi, jenħtieġ tinkiseb aktar informazzjoni mingħand dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji. Għalhekk, huwa xieraq li jittawwal il-perjodu tranżizzjonali mogħti mid-Deċiżjoni 2008/627/KE fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti f'dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji.

(9) Għalkemm l-Eġittu ma kienx inkluż fid-Deċiżjoni 2008/627/KE, minn dak iż-żmien stabilixxa sistema ta' sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar. Sabiex titwettaq aktar valutazzjoni għall-iskop li tittieħed deċiżjoni finali dwar l-ekwivalenza fir-rigward tal-Eġittu, jeħtieġ tinkiseb aktar informazzjoni mingħand dak il-pajjiż terz. Għalhekk, huwa xieraq li lill-awdituri u d-ditti tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fl-Eġittu jiġu inklużi fil-perjodu tranżizzjonali.

▼B

(10) Il-Bermuda, il-Gżejjer Kajman, l-Iżrael u n-New Zealand għad ma għandhomx sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u sistema ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar. Madankollu, dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji ħadu impenn pubbliku ċar mal-Kummissjoni permezz ta' pjan ta' azzjoni konkrett li jistabilixxu sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u sistemi tal-investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awdituri b'regoli ekwivalenti għal dawk stabiliti fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE. Għalhekk, huwa xieraq li jittawwal il-perjodu tranżizzjonali mogħti mid-Deċiżjoni 2008/627/KE fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti f'dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji. Madankollu, l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-progress li sar fl-2011 minn dawk il-pajjiżi u t-territorji fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi sorveljanza pubblika, aċċertament tal-assigurazzjoni u sistema ta' investigazzjoni u penali għal awdituri u entitajiet tal-awditjar u tivvaluta l-bżonn li jitqassar il-perjodu tranżizzjonali fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi u territorji.

(11) L-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fl-Arġentina, il-Baħamas, iċ-Ċili, il-Kazakistan, il-Morokk, il-Messiku, il-Pakistan u l-Ukraina, ibbenefikaw minn perjodu tranżizzjonali mogħti mid-Deċiżjoni 2008/627/KE. Minn dan iż-żmien ma pprovdewx informazzjoni dwar is-sistemi tagħhom ta' regolamentazzjoni u sorveljanza tal-awditjar. Dawn iċ-ċirkustanzi jindikaw li dawn il-pajjizi terzi ma għandhomx rieda jkomplu fit-triq biex ir-regolamentazzjoni tagħhom tal-awditjar tiġi rrikonoxxuta mill-Kummissjoni bħala ekwivalenti għas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Membri. Għalhekk, il-perjodu tranżizzjonali li ngħatalhom mid-Deċiżjoni 2008/627/KE ma għandux jiġi estiż fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti f'dawn il-pajjiżi terzi.

(12) Sabiex jiġu protetti l-investituri, l-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness għal din id-deċiżjoni għandhom ikunu jistgħu jkomplu l-attivitajiet ta' awditjar tagħhom matul il-perjodu tranżizzjonali fl-Unjoni Ewropea mingħajr ma jkunu reġistrati skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2006/43/KE biss jekk jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. Jekk jipprovdu l-informazzjoni, dawk l-awdituri u l-entitajiet ta' awditjar għandhom ikunu jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom marbuta ma' rapporti ta' awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati għas-snin finanzjarji li jibdew matul il-perjodu bejn it-2 ta' Lulju 2010 u l-31 ta' Lulju 2012. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-Istati Membri li japplikaw is-sistemi tagħhom tal-investigazzjonijiet u l-penalajiet fir-rigward ta' dawn l-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar.

▼B

(13) Meta kumpanija li tkun ikkostitwita f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji terzi elenkati fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu ammessi biex jiġu nnegozjati f'suq regolat ta' Stat Membru, iżda li ma jkunux ammessi biex jiġu nnegozjati fil-pajjiż jew fit-territorju terz fejn tkun ikkostitwita, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inkarigi kollha tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji ta' din il-kumpanija jkunu koperti mill-arranġamenti ta' kooperazzjoni konklużi mal-pajjiż jew t-territorju terz konċernat sabiex jiġi ddeterminat liema sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u sistemi tal-investigazzjoni u penali ser japplikaw għall-awdituri ta' din il-kumpanija. F'każ fejn dawn l-inkarigi tal-awditjar jittieħdu minn awditur jew entità tal-awditjar ta' Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-inkarigu tal-awditjar ikun inkluż fl-ambitu ta' waħda mis-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali.

(14) Meta kumpanija li tkun ikkostitwita f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji terzi elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu ammessi biex jiġu nnegozjati f'suq regolat ta' Stat Membru, iżda li ma jkunux ammessi biex jiġu nnegozjati fil-pajjiż jew fit-territorju terz fejn tkun ikkostitwita, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-pajjiż jew it-territorju terz konċernat sabiex jiżguraw li l-inkarigi kollha tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji ta' din il-kumpanija jkunu koperti mis-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u sistemi tal-investigazzjoni u penali. F'każ fejn dawn l-inkarigi tal-awditjar jittieħdu minn awditur jew entità tal-awditjar ta' Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-inkarigu tal-awditjar ikun inkluż fl-ambitu ta' waħda mis-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali.

(15) Matul il-perjodu tranżizzjonali, ma għandhomx jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Il-fatt li l-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fil-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni jistgħu, skont din id-Deċiżjoni, ikomplu bl-attivitajiet tagħhom tal-awditjar fir-rigward tal-kumpaniji msemmiji fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2006/43/KE, ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jistabilixxu arranġamenti kooperattivi dwar l-eżamijiet individwali tal-aċċertament tal-kwalità bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u l-awtorità kompetenti ta' pajjiż jew territorju terz.

(16) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-operat tal-arranġamenti tranżizzjonali u teżamina l-progress li jkun sar mill-pajjiżi u t-territorji terzi li jkun ingħatalhom perjodu tranżizzjonali jew li jkun ġie estiż. Fi tmiem il-perjodu tranżizzjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar l-ekwivalenza tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awdituri tal-pajjiżi terzi u t-territorji konċernati. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-Istati Membri sabux diffikultajiet biex jiksbu rikonoxximent tal-ekwivalenza mill-pajjiżi jew it-territorji terzi konċernati minn din id-Deċiżjoni f'rabta mas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

▼B

(17) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabilit mill-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2006/43/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-fini tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, is-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, is-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-pajjiżi terzi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet tal-awditjar marbuta mal-kontijiet annwali jew konsolidati għas-snin finanzjarji li jibdew mit-2 ta' Lulju 2010:

1. l-Awstralja
2. Il-Kanada
3. Iċ-Ċina

▼M1

_____

▼B

5. Il-Ġappun
6. Singapor
7. L-Afrika t'Isfel
8. Il-Korea t'Isfel
9. L-Isvizzera
10. L-Istati Uniti tal-Amerika

▼M2

Għall-fini tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-pajjiżi u t-territorji terzi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għas-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet tal-awditjar marbuta mal-kontijiet annwali jew konsolidati għas-snin finanzjarji li jibdew mill-1 ta' Awwissu 2012:

(1) Abu Dhabi
(2) Il-Brażil
(3) Dubai International Financial Centre
(4) Guernsey
(5) L-Indoneżja
(6) L-Isle of Man
(7) Jersey
(8) Il-Malasja
(9) It-Tajwan
(10) it-Tajlandja

▼B

Artikolu 2

1. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2006/43/KE fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji kostitwiti fil-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati ►M2 fl-Anness I ◄ għal din id-Deċiżjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' dik id-Direttiva, għas-snin finanzjarji li jibdew matul il-perjodu bejn it-2 ta' Lulju 2010 u l-31 ta' Lulju 2012, fil-każijiet meta l-awditur jew mill-entità tal-awditjar konċernata tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru b'dan kollu li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-awditur jew l-entità tal-awditjar konċernata u l-informazzjoni dwar l-istruttura legali tagħha;

(b) meta l-awditur jew l-entità tal-awditjar tkun tagħmel parti minn xi netwerk, deskrizzjoni tan-netwerk;

(c) l-istandards tal-awditjar u r-rekwiżiti tal-indipendenza li ġew applikati għall-awditjar konċernat;

(d) deskrizzjoni tas-sistema interna ta' kontroll tal-kwalità tal-entità tal-awditjar;

(e) indikazzjoni ta' jekk u meta sar l-aħħar eżami tal-aċċertament tal-kwalità tal-awditur jew tal-entità tal-awditjar u sakemm din l-informazzjoni ma tkunx qiegħda tingħata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, l-informazzjoni meħtieġa dwar l-eżitu tal-eżami. Meta l-informazzjoni meħtieġa dwar ir-riżultat tal-aħħar eżami tal-aċċertament tal-kwalità ma jkunx pubbliku, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrattaw din l-informazzjoni fuq bażi kunfidenzjali.

▼M2

2. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2006/43/KE fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji inkorporati fil-pajjiżi u t-territorji terzi elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' dik id-Direttiva, għas-snin finanzjarji li jibdew matul il-perjodu bejn it-2 ta' Lulju 2010 u l-31 ta' Lulju 2015, fil-każijiet meta l-awditur jew l-entità tal-awditjar konċernata tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru b'dan kollu li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-awditur jew l-entità tal-awditjar konċernata u l-informazzjoni dwar l-istruttura legali tagħha;

(b) meta l-awditur jew l-entità tal-awditjar tkun tagħmel parti minn xi netwerk, deskrizzjoni tan-netwerk;

(c) l-istandards tal-awditjar u r-rekwiżiti tal-indipendenza li ġew applikati għall-awditu konċernat;

(d) deskrizzjoni tas-sistema interna ta' kontroll tal-kwalità tal-entità tal-awditjar;

▼M2

(e) indikazzjoni ta' jekk u meta sar l-aħħar eżami tal-aċċertament tal-kwalità tal-awditur jew tal-entità tal-awditjar u, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx qiegħda tingħata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, l-informazzjoni meħtieġa dwar l-eżitu tal-eżami. Meta l-informazzjoni meħtieġa dwar l-eżitu tal-aħħar eżami tal-aċċertament tal-kwalità ma tkunx pubblika, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrattaw din l-informazzjoni fuq bażi kunfidenzjali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-isem u l-indirizz tal-awdituri u tal-entitajiet tal-awditjar li jipprovdu r-rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji inkorporati fil-pajjiżi elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni u dwar il-fatt li s-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, tal-investigazzjoni u l-penali ta' dawk il-pajjiżi u t-territorji għadhom mhumiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti skont l-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2006/43/KE. Għal dawn l-għanijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2006/43/KE jistgħu wkoll jirreġistraw lill-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jwettqu awditi tal-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji inkorporati fil-pajjiżi elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

4. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu japplikaw is-sistemi tagħhom ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jwettqu awditi tal-kontijiet annwali jew konsolidati ta' kumpaniji inkorporati fil-pajjiżi elenkati fl-Anness II.

5. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti kooperattivi dwar l-eżamijiet tal-aċċertament tal-kwalità bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż elenkat fl-Anness II sakemm dan l-arranġament jilħaq l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) jinkludi t-twettiq ta' eżamijiet tal-aċċertament tal-kwalità abbażi ta' trattament ugwali;

(b) ġie kkomunikat lill-Kummissjoni minn qabel;

(c) ma jippreġudika l-ebda deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE.

▼B

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja s-sitwazzjoni tal-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fl-Anness. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha timmonitorja jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi terzi u t-territorji elenkati fl-Anness li ħadu impenn pubbliku mal-Kummissjoni li jistabilixxu sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, sistemi tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar ikunu stabbilew dawn is-sistemi, abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

(a) is-sistemi huma indipendenti mill-professjoni tal-awditjar;

▼B

(b) jiżguraw sorveljanza adegwata għall-awditi ta' kumpaniji elenkati;

(c) l-operat tagħhom huwa trasparenti u jiżgura l-affidabbiltà tar-riżultat tal-eżamijiet tal-aċċertament tal-kwalità;

(d) huma sostnuti minn investigazzjonijiet u penalitajiet b'mod effikaċi.

Fir-rigward tal-Bermuda, il-Gżejjer Kajman, l-Iżrael u n-New Zealand, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tirrevedi l-progress li sar fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u sistema ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar fl-2011. Meta neċessarju, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness għal din id-Deċiżjoni skont il-każ.

▼M2

Artikolu 4

Il-punt (10) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ma jibqax japplika mill-31 ta' Lulju 2013.

▼B

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M2**

ANNESS I

LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI

Abu Dhabi

Il-Brażil

Dubai International Financial Centre

Guernsey

Ħong Kong

L-Indja

L-Indonežja

L-Isle of Man

Iżrael

Jersey

Il-Malasja

It-Tajwan

It-Tajlandja

▼M2

ANNESS II

LISTA TA' PAJJIŻI

Bermuda

Il-Gżejjer Kajman

L-Eġittu

Il-Mawrizju

New Zealand

Ir-Russja

It-Turkija